**Santa Luċija**

**Minuti**

**It-Tmien Leġislatura**

**Laqgħa Numru 58/2023 – Laqgħa b'Urġenza**

**21 ta' Ġunju 2023**

**Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-05:30 p.m.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Charmaine St John | Sindku |
| Frederick Cutajar | Viċi Sindku (minn 5.49 pm) |
| Terrence Ellul | Kunsillier |
| Kylie D'Amato | Kunsilliera |
| Liam Sciberras | Kunsillier (onlajn) (halla l-laqgha 5:50 pm) |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Fabian Mizzi | Segretarju Eżekuttiv |

**Assenti b'Apoloġiji (Skond Ordni Permanenti 14A (3))** :

Ħadd

Is-Sindku ippresjediet il-laqgħa.

**58.01 Talba**

58.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

**58.02 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

58.02.01 Is-S.E. informa li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**58.03 PA/06394/21 – Żvilupp propost minn Santa Luċija FC**

58.03.01 Is-Sindku infurmat li wara żewġ laqgħat ilu l-Kunsill kien qabel unanimament jagħmel *survey* fost ir-residenti dwar dan l-żvilupp propost, issa għadna f'idejna r-riżultat tal-istess *survey*. F'dan l-istadju hija talbet l-opinjoni tal-Kunsillieri fuq ir-riżultat u peress li l-Viċi Sindku kien għadu ma wasalx, beda l-ewwel il-Kunsillier Ellul.

Il-Kunsillier Ellul qal li s-*survey* gie mfixkel minn diversi telefonati li saru minn terzi li għamlu allegazzjonijiet mhux veritieri. Huwa qal ukoll li anke fuq il-paġna ta' *facebook* tal-Kunsill fejn kien hemm l-avviż li ser isir is-*survey*, persuni li kienu preżenti għal-laqgħa ta' konsultazzjoni ta' Marzu, komplew ibeżżgħu lir-residenti. Il-Kunsillier Sciberras iddikjara li huwa ma kellu xejn x'jaqsam ma' dawn l-allegat telefonati. Is-Sindku qalet li flimkien mal-Kunsillier Sciberras u Ellul anke l-Viċi Sindku urew *concern* għat-telefonati li kienu qed isiru. Il-Kunsillier Ellul iddikjara li huwa jaqbel mal-proġett għax ser ikun ta' benefiċċju għar-residenti.

Fl-intervent taghha l-Kunsilliera D'Amato qalet li l-konsultazzjonijiet ,surveys eċċetra imisshom saru minn Santa Lucija FC u mhux spiċċaw ma wiċċ il-Kunsill Lokali. Hija iddikjarat li kienet entużjasta

b'dan il-proġett immexxi minn Santa Lucija FC hija kienet favur l-isport, favur il-football u favur il-proġett kif inhu.

Il-Kunsillier Sciberras beda l-intervent tiegħu billi qal li huwa favur l-isport u huwa wieħed attiv fl-isport. Huwa qal li mis-*survey* joħroġ ċar li b'53% kontra l-proġett, huma biss wieħed minn kull 3 residenti li huma favur il-proġett. Huwa qal li jidher ċar li r-residenti huwa kontra żviluppi simili u għalhekk jistenna li l-Kunsill jivvota kontra dan il-proġett. Huwa tenna li sa llum jidher li hemm Kunsillier li għandu konflitt ta' nteress għax mill-2020 sa llum ma hemm l-ebda dokument li juri li l-Kunsillier Ellul ma għadux membru tal-Kumitat ta' Santa Lucija FC u għalhekk jekk jivvota ser ikun qed jagħmel dan kontra l-liġi.

Is-S.E. informa li qabel bdiet il-laqgħa l-Kunsillier Ellul kien ippreżenta dokumenti li juru li hu mhux parti mill-Kumitat ta' Santa Lucija FC. F'intervent is-Sindku ikkwotat il-ligi fejn qalet li huwa l-Kunsillier li jrid jiddikjara jekk għandux konflitt ta' nteress jew le u żiedet li hija kienet ser toqgħod fuq id-dikjarazzjoni tal-Kunsillier Ellul li huwa ma għadux membru tal-Kumitat. Il-Kunsillier Sciberras baqa' jinsisti li sa llum il-Kunsillier Ellul qiegħed *Out of Order*. Rigward il-proġett il-Kunsillier Sciberras iddikjara li huwa kontra l-proġett għax in-nies huma kontra l-proġett.

Is-Sindku u l-Kunsillier Ellul u D'Amato qamu minn fuq il-mejda u għalhekk il-laqgħa ġiet sospiża għal 2 minuti minħabba nuqqas ta' *quorum*.

Il-Viċi Sindku fl-intervent tiegħu semma li dal-għodu kellmuh xi residenti li kienu nfurmati li ser jinqatgħu is-siġar kollha ta' Triq Begonja u minflok ser ikun hemm il-bini. Huwa qal li spjega li dan kien proġett sportiv u li ser ikun ta' ġid għal Santa Lucija. Huwa iddikjara li kien favur il-proġett.

Fl-intervent tagħha s-Sindku qalet li hija bħal ma dejjem qalet kellha l-pożizzjoni tagħha fuq dan il-proġett u kienet ser tibqa magħha. Hija qalet ukoll li 3 mill-Kunsillieri sħabha kienu semmew li kien hemm xi telefonati li setgħu fixklu s-*survey* kif ukoll li n-nies in ġenerali ma tantx ikunu favur il-bidla u li bħala rappreżentanta tal-Kunsill tħoss li għandha tressaq il-vot tal-maġġoranza tal-membri però qabel tivvota l-għada kienet ser titlob kjarifika dwar kemm ser ikun l-għoli tal-bini, dwar jekk hux veru li s-siġar ta' Triq Begonja kienu ser jinqalgħu u nsaqsu tistax tonqos il-parti tal-bini.

Il-Kunsillier Sciberras reġa' daħal onlajn fil-5:56 pm u informa li kien ser jirrapporta din il-laqgħa lid-DLG għaliex il-Kunsill kien qed imur kontra r-rieda tar-residenti.

**54.04** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

54.04.01 Il-laqgħa ntemmet fis-5:59 p.m.

**Konfermati illum il-Ħamis 27 ta' Lulju 2023.**

| | |
|---|---|
| **Charmaine St John**<br>**Sindku** | **Fabian Mizzi**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |